MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta ta' l-4 ta' April, 2014

Numru. 339/2014

**Il-Pulizija**

**[Spettur Carol Fabri]**

**vs**

**Abdul Hamid Saeid**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Abdul Hamid Saeid detentur tal-karta ta’ numru ta’ referemza 16987/14 hekk kif moghtija lilu mill-Kummissjoni Refugjati Malta.

Akkuzat talli:

1. Nhar l-1 ta’ April 2014 ghall-habta tal-5:15hrs gewwa l-Hanger tac-Centru l-Miftuh, Hal Far limiti Birzebbugia bil-hsieb li jaghmel delitt ta’ ferita gravi fuq Ahmed Bashir, detentur tal-karta ta’ numru ta’ referenza 16648/15 hekk kif mghotija lilu mill-Kummissarju tar-Refugjati ta’ Malta, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delittt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u independenti mill- volonta’ tieghek u ghamilt griehi ta’ natura hafifa skond kif iccertifika Dr. Natalie Hammer M.D. (Reg. No. 3591) mill-Mater Dei;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu, jew taht il-kontroll tieghu, u kif ukoll zamm strument li jaqta u bil-ponta, minghajr licenzja mahruga lilu mill-Kummissarju tal-Pulizija;

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta` tal-persuna offiza cioe Ahmed Bashir jew ghaz-zamma ta' l-ordni pubbliku jew ghall-iskop ta' l-protezzjoni tal-persuna msemmija minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat skond l-Artikolu 412C tal-Kap 9 u f’kaz ta’ htija, il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ l-persuna offiza ai termini tal-Artikoli 383, 384, 385 u 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-Artikoli u stante ammissjoni u l-konferma ta’ tali ammissjoni mill-imputat wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista’ jirregola ruhu qed issib lill-imputat Abdul Hamid Saeid hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundannah xahrejn prigunerija sospizi ghal tmien (8) xhur.

Finalmet, spjegat fi kliem semplici lill-imputat ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obudta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------